**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Illum 22 ta' Lulju, 2020**

**Seduta Qormi**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Micaela Attard**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Micaela Attard, bil-karta tal-identità numru 214593M, li permezz tagħha ġiet akkużatha li:

> *...talli 20.03.2018 għall-ħabta ta' 22.00hrs u 21.03.2018 sal-00.30hrs ġewwa 57 Triq Guze Cardona Hal Qormi*
>
> 1) *Bil-lejl ksirt il-mistrieh tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b' xi mod ieħor.*

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-arikoli indikati;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata ġiet akkużatha ai termini tal-artikolu 339(m) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar dan l-artikolu, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, spjegat fis-sentenza tagħha, fl-ismijiet **Pulizija vs Christopher Abela,** deċiża fl-4 ta' Ottubru 2016, illi:

> *"...il-Qorti tqis ukoll li tali ħsejjes kawżati mill-istess azzjoni tal-imputat fil-ħinijiet imsemmija fl-imputazzjoni kienet ukoll tikkostitwixxi ksur tal-mistrieħ tan-nies bi* ***ħsejjes, għajjat jew b'mod ieħor.*** *Din hija lokuzzjoni wiesa' ħafna li tinkludi faċilment fiha ħsejjes ġenerati minn daqq ta' mużika li fil-ħemda tal-lejl tkun mhux biss aktar faċilment tinstema' iżda wkoll li tiddisturba l-mistrieħ ta' dak li jkun.."*

Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3 ta' Novembru, 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Grech**. F'din il-kawża ġie argumentat li għandu japplika l-prinċipju tal-buon viċinat. Intqal fl-aggravju mressqa, li l-ġurisprudenza tiddistingwi bejn "nuisance" u "annoyance", u biex ikollok inkonvenjent punibbli kriminalment, irid ikun "nuisance" u jrid ikun "gravi u mhux faċilment tollerabbli". Irid ikun ukoll "kontinwu w intens". Il-Qorti tal-Appell spjegat:

> *"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatti riżultanti jaqgħu pjenament taħt id-dispożizzjoni kontravvenzjonali tal-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali li tgħid li hu ħati ta' kontravvenzjoni min " bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor".*
>
> *Certament li jekk detentur ta' żiemel iħallih iħokk, jobrox jew iħabbat ma' ħajt diviżorju li warajh jew fuqu jgħixu n-nies matul il-lejl, dan jaqa' taħt din il-kontravvenzjoni. Terġa' u tgħid li rrizulta li dan hu każ ta' 'nuisance', kontinwu, gravi w mhux faċilment tollerabli, għax ma jħallix il-viċini jistrieħu fil-ħin tal-mistrieħ leġittimu tagħhom.*
>
> *Illi l-buon viċinat li qed jinvoka l-appellant l-ewwel ma japplika hu għalih billi hu ż-żiemel tiegħu li qed jiddisturba l-kwiet ta' bil-lejl li l-kwerelanti għandhom dritt għalih ġo darhom.*
>
> *Għalhekk din il-Qorti qed tirrespinġi l-aggravji li huma relatati mas-sejbien ta' ħtija."*

Din il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rapport ippreparat mill-Espert Tekniku Perit Valerio Schembri.

Ħadet ukoll konjizzjoni tax-xhieda mogħtija f'din il-kawża, partikolarment dik mogħtija minn Tereza Borg fis-16 ta' April 2019, fejn insistiet li hija rat raġel dieħel fil-garaxx tal-proprjetà fejn kien hemm tinsab Micaela Attard.

In vista ta' din ix-xhieda tal-istess Borg, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li kienet l-imputata nfisha u mhux dan ir-raġel, li allegatament għamel tant storbju, li kiser il-mistrieħ tal-istess Borg u żewġha.

**Deċide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qed tillibera lil Micaela Attard minn kull kundanna u ħtija.

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur